



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Marzu 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

7671/24
ADD 3

SOC 204
EMPL 113
ANTIDISCRIM 41
GENDER 40
SAN 154
FREMP 143
ILO 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Repubblika Ċeka, b'rabta mal-proposta msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA DWAR**PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL LI TISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI
JIRRATIFIKAW IL-KONVENZJONI DWAR IL-VJOLENZA U L-FASTIDJU, 2019
(NRU 190) TAL-ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL**

Ir-Repubblika Ċeka tixtieq tfakkar fil-pożizzjoni tagħha espressa f'diversi okkażjonijiet matul in-negożjati tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill attwali, kif ukoll dawk preċedenti li jippermettu, jistiednu jew jawtorizzaw lill-Istati Membri tal-UE biex jirrattifikaw il-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-ILO. Ir-Repubblika Ċeka interpretat b'mod konsistenti dawn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill bħala miżuri li ma jimponu l-ebda obbligu li jiġu ratifikati l-konvenzjonijiet internazzjonali inkwistjoni. Bħala tali, dawn jiffaċilitaw il-possibbiltà ta' ratifika, filwaqt li jirrispettaw ukoll il-prinċipju ta' rispett sħiħ għall-Istati Membri tal-UE bħala kostitwenti indipendenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). F'dan il-kuntest, kull Stat Membru jżomm id-diskrezzjoni tiegħu biex jibda l-proċess ta' ratifika, iggwida biss mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali tiegħu, mingħajr ma jkun soġġett għal miżuri li jikkonċernaw ksur tat-Trattat.

Ir-Repubblika Ċeka tinsisti fuq il-ħtieġa għal konferma espliċita li tippermetti lill-Istati Membri jirrattifikaw volontarjament il-Konvenzjoni 190 tal-ILO fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħhom. Mingħajr din il-premessa u fid-dawl tan-nuqqas ta' interpretazzjoni legali ċara fil-laqgħa tal-Coreper tad-19 ta' Lulju 2023, ir-Repubblika Ċeka mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni 190 tal-ILO u konsegwentement tastjeni milli tivvota.

Ir-Repubblika Ċeka tieħu nota u tapprezza l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, espressi f'diversi okkażjonijiet, biex iżżomm il-prattika eżistenti dwar din u d-Deċiżjonijiet preċedenti kollha tal-Kunsill li mhijiex ser tieħu l-ebda pass biex tinforza r-ratifika tal-Konvenzjonijiet u l-Protokolli tal-ILO mill-Istati Membri.